



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Frar 2024
(OR. en, pl)

6245/24
ADD 2

VETER 9
FOOD 19
DELECT 19

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2023)8519 - ST 16974 + ADD1
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... tal-14.12.2023 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi ta' iġjene għal ċertu laħam, prodotti tas-sajd, prodotti tal-ħalib u bajd - Att Delegat - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness id-dikjarazzjoni tal-Polonja dwar dan ta' hawn fuq.

Il-Polonja tappoġġa l-maġġoranza tad-dispożizzjonijiet stipulati fid-dokument, iżda hija kontra l-bidliet li jikkonċernaw is-supertkessiġ tal-prodotti tas-sajd (l-emenda għall-Anness III, it-Taqsima VIII, il-Kapitolu VII tar-Regolament (KE) Nru 853/2004). L-emendar tar-regoli f'dan ir-rigward ser ikollu konsegwenzi ekonomiċi negattivi għall-impriżi Pollakki li jipproċessaw il-ħut u li jużaw il-proċess teknoloġiku ta' "twebbis", jiġifieri s-supertkessiġ tal-prodotti tas-sajd affumikati u pproċessati għat-tfettit. Il-Polonja ppreżentat studji li jikkonfermaw is-sigurtà tat-teknoloġija użata, iżda l-Kummissjoni rrifjutat li tippreżentahom lill-EFSA biex jiġu vvalutati. Il-Kummissjoni ma pprevediet ebda perjodu tranżitorju biex l-impjanti tal-ipproċessar ikunu jistgħu jadattaw għar-regoli l-ġodda, kif mitlub mill-awtoritajiet Pollakki u mill-industrija tal-ipproċessar. Għaldaqstant il-Polonja toġġezzjona għar-Regolament.
